# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tat-12 ta' Mejju 2021**

**li tistabbilixxi l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka għal Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li tħassar id-Deċiżjoni C(2013)8915**

(2021/C 234 I/03)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità mal-azzjonijiet u l-attivitajiet imwettqa skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE ([1]), il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka ("ERC") stabbilit b'din id-Deċiżjoni għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet skont il-Pilastru I "Xjenza Eċċellenti" ta' Orizzont Ewropa, jenħtieġ li jissostitwixxi l-ERC stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2013 li twaqqaf il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka ([2]).

(2) L-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2021/764 jipprevedi li l-ERC jeħtieġ ikun magħmul minn Kunsill Xjentifiku indipendenti previst fl-Artikolu 9 ta' dik id-Deċiżjoni u l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata prevista fl-Artikolu 10 ta' dik id-Deċiżjoni. L-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata ġiet stabbilita bħala aġenzija eżekuttiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 953 tat-12 ta' Frar 2021 f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ([3]).

(3) F'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (UE) 2021/764, il-Kunsill Xjentifiku jeħtieġ ikun magħmul minn xjentisti, inġiniera u akkademiċi indipendenti tal-aqwa reputazzjoni u bl-għarfien espert adattat, kemm nisa kif ukoll irġiel minn gruppi differenti ta' età, li jiżguraw diversità tal-oqsma tar-riċerka u varjetà fir-rigward tal-oriġini ġeografika, u li jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom indipendentement minn interessi estranji. Il-membri tal-Kunsill Xjentifiku jeħtieġ jinħatru mill-Kummissjoni, wara proċedura indipendenti u trasparenti għall-identifikazzjoni tagħhom maqbula mal-Kunsill Xjentifiku, li tkun tinkludi konsultazzjoni miftuħa tal-komunità xjentifika u rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(4) Sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni b'suċċess lejn Orizzont Ewropa, il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC stabbilit bid-Deċiżjoni C(2013) 8915 ġie estiż bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 9154 tas-16 ta' Diċembru 2020 sad-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni (UE) 2021/764.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni fil-ħin tal-programm speċifiku Orizzont Ewropea, il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC stabbilit bid-Deċiżjoni C(2013) 8915 diġà stabbilixxa pożizzjonijiet preliminari b'antiċipazzjoni tal-miżuri li jeħtieġ jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (UE) 2021/764. Dawk il-pożizzjonijiet preliminari jenħtieġ li jiġu approvati jew rifjutati mill-Kunsill Xjentifiku stabbilit b'din id-Deċiżjoni.

(6) Id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-operat tal-Kunsill Xjentifiku jenħtieġ li jiġu stabbiliti.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).
([2]) C(2013) 8915 (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 23).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

(7) Id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jsiru biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejn il-Kunsill Xjentifiku u l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-ERC.

(8) Il-Kunsill Xjentifiku jenħtieġ li jkollu aċċess għad-dokumenti u d-*data* meħtieġa għal ħidmitu f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(9) Id-Deċiżjoni (UE) 2021/764 tipprevedi l-kumpens tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku għall-kompiti li jwettqu. Ir-regoli jenħtieġ li jiġu stabbiliti għal dak l-għan.

(10) Id-Deċiżjoni C(2013)8915 jenħtieġ li titħassar,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka**

Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka ("ERC") huwa stabbilit għall-perjodu mit-12 ta' Mejju 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

*Artikolu 2*

**Membri tal-Kunsill Xjentifiku**

1. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jkun magħmul mill-President tal-ERC ("il-President tal-ERC") u 21 membru ieħor. Il-21 persuna elenkati fl-Anness I huma maħtura bħala membri oħra tal-Kunsill Xjentifiku għall-mandat stabbilit fih.

2. Il-membri għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom indipendentement minn kull influwenza esterna. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull kunflitt ta' interess li jista' jikkomprometti l-oġġettività tagħhom.

3. Il-membri għandhom jinħatru għal mandat sa erba' snin, li jiġġedded darba. Membru jista' jinħatar għal perjodu inqas mill-massimu biex b'hekk ikun hemm rotazzjoni mqassma tal-membri.

4. F'każijiet ġustifikati kif jistħoqq, sabiex tinżamm l-integrità jew il-kontinwità tal-Kunsill Xjentifiku, il-Kummissjoni tista' ttemm il-mandat ta' membru b'inizjattiva tagħha stess.

5. Meta membru jirriżenja jew il-Kummissjoni ttemmlu l-mandat, għandu jinħatar membru ġdid. F'każ ta' riżenja jew terminazzjoni tal-mandat tal-President tal-ERC, il-Kummissjoni tista' taħtar lil membru ieħor tal-Kunsill Xjentifiku jew lil xi President tal-ERC preċedenti bħala President tal-ERC *ad interim*, għal perjodu ta' żmien limitat sakemm jinħatar President tal-ERC ġdid.

*Artikolu 3*

**Operat tal-Kunsill Xjentifiku**

1. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu, kif ukoll kodiċi tal-kondotta dwar il-kunfidenzjalità, il-kunflitt ta' interess u l-ipproċessar tad-*data* personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jiltaqa' f'seduta plenarja kif meħtieġ minn ħidmietu. Is-sommarju tal-minuti tal-laqgħat plenarji għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-ERC.

3. Il-President jista' jiddeċiedi li jiltaqa' f'sessjoni magħluqa f'konformità mar-regoli tal-proċedura tal-Kunsill Xjentifiku.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

4. Minn fost il-membri tiegħu, il-Kunsill Xjentifiku jista' jistabbilixxi kumitati permanenti, gruppi ta' ħidma u strutturi oħra li jindirizzaw kompiti speċifiċi tal-Kunsill Xjentifiku.

5. Il-pożizzjonijiet preliminari tal-Kunsill Xjentifiku stabbilit bid-Deċiżjoni C(2013) 8915 dwar il-miżuri li jeħtieġ jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (UE) 2021/764, għandhom jiġu approvati jew irrifjutati mill-Kunsill Xjentifiku stabbilit skont din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

**Kooperazzjoni fil-Kunsill Ewropew tar-Riċerka**

Il-Kunsill Xjentifiku u l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-aspetti strateġiċi u operazzjonali kollha tal-attivitajiet tal-ERC. Il-President tal-ERC, il-Viċi Presidenti tal-Kunsill Xjentifiku u d-Direttur tal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata għandu jkollhom laqgħat regolari ta' koordinazzjoni biex jiżguraw koperazzjoni effettiva.

*Artikolu 5*

**Forniment ta' dokumenti u *data***

1. Il-Kummissjoni u l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata għandhom jipprovdu lill-Kunsill Xjentifiku bid-dokumenti, id-*data* u l-assistenza meħtieġa għal ħidmitu li jippermettulu jopera f'kundizzjonijiet ta' awtonomija u indipendenza, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. F'każ li d-dokumenti u d-*data* jew l-aċċess għad-*data* personali ma jkunux jistgħu jingħataw minħabba raġunijiet relatati mal-protezzjoni tad-*data* personali, il-kunfidenzjalità, is-sigurtà jew l-interess pubbliku, il-Kummissjoni jew l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata għandhom jipprovdu dikjarazzjoni bil-miktub lill-Kunsill Xjentifiku b'dawk ir-raġunijiet, kif ukoll bi kwalunkwe informazzjoni fuq is-suġġett ikkonċernat li jqisu li tista' tingħata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti.

*Artikolu 6*

**Kumpens tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku għajr il-President tal-ERC**

Ir-regoli dwar l-onorarji għall-kompiti mwettqa mill-membri tal-Kunsill Xjentifiku għajr il-President tal-ERC u r-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-alloġġ tagħhom huma stabbiliti fl-Anness II.

Id-Deċiżjoni C(2013) 8915 hija mħassra.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Mariya GABRIEL
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Membri tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC mit-12 ta' Mejju 2021**

| Isem u Istitut | Tmiem tal-mandat |
|---|---|
| Geneviève ALMOUZNI, CNRS/iċ-Ċentru tar-Riċerka Institut Curie, Pariġi | 30 ta' Ġunju 2023 |
| Manuel ARELLANO, iċ-Ċentru għall-Istudji Monetarji u Finanzjarji, Madrid | 31 ta' Diċembru 2022 |
| Paola BOVOLENTA, Universidad Autónoma de Madrid | 31 ta' Diċembru 2022 |
| Margaret BUCKINGHAM, l-Istitut Pasteur, Pariġi | 31 ta' Diċembru 2021 |
| Eveline CRONE, l-Università ta' Leiden | 31 ta' Diċembru 2023 |
| Ben FERINGA, l-Università ta' Groningen | 31 ta' Diċembru 2022 |
| Mercedes GARCÍA-ARENAL, Centro de Ciencias Humanas y Sociales, Madrid | 30 ta' Ġunju 2023 |
| Gerd GIGERENZER, Max-Planck-Institut für Bildungsforschung, Berlin | 31 ta' Diċembru 2023 |
| Liselotte HOJGAARD, l-Università ta' Copenhagen | 31 ta' Diċembru 2024 |
| Dirk INZÉ, l-Università ta' Ghent | 31 ta' Diċembru 2024 |
| Andrzej JAJSZCZYK, l-Università AGH tax-Xjenza u t-Teknoloġija, Krakovja | 31 ta' Diċembru 2022 |
| Eystein JANSEN, l-Università ta' Bergen | 30 ta' Ġunju 2023 |
| Michael KRAMER, l-Istitut Max Planck għar-Radjuastronomija, Bonn | 31 ta' Diċembru 2021 |
| Rodrigo MARTINS, l-Akkademja Ewropea tax-Xjenza | 31 ta' Diċembru 2024 |
| Kurt MEHLHORN, l-Istitut Max-Planck għall-Informatika, Saarbrücken | 31 ta' Diċembru 2022 |
| Nicola SPALDIN, ETH Zurich | 31 ta' Diċembru 2024 |
| Jesper QUALMANN SVEJSTRUP, l-Istitut Francis Crick, Londra | 31 ta' Diċembru 2022 |
| Barbara ROMANOWICZ, il-Laboratorju Sisomoloġiku ta' Berkeley | 31 ta' Diċembru 2021 |
| Nektarios TAVERNARAKIS, l-Istitut tal-Bijoloġija Molekulari u l-Bijoteknoloġija, il-Fondazzjoni għar-Riċerka u t-Teknoloġija – Hellas | 31 ta' Diċembru 2022 |
| Milena ŽIC FUCHS, l-Università ta' Zagreb | 31 ta' Diċembru 2023 |
| Alice VALKÁROVÁ, il-Fondazzjoni tax-Xjenza Ċeka | 31 ta' Diċembru 2024 |

*ANNESS II*

**Regoli dwar il-kumpens tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku għajr il-President tal-ERC, kif imsemmi fl-Artikolu 6**

1. L-onorarji tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku għajr il-President tal-ERC kif ukoll l-ispejjeż tal-ivjaġġar u tal-alloġġ tagħhom fir-rigward tal-prestazzjoni tal-kompiti tagħhom, għandhom jitħallsu minn struttura ta' implimentazzjoni dedikata f'konformità ma' kuntratt li jinkludi l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 2 sa 7.

2. L-onorarji tal-Viċi Presidenti tal-Kunsill Xjentifiku għandhom ikunu EUR 3 500 għall-attendenza sħiħa ta' laqgħa plenarja u EUR 1 750 għall-attendenza parzjali.

3. L-onorarji tal-membri l-oħra msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu EUR 2 000 għall-attendenza sħiħa ta' laqgħa plenarja u EUR 1 000 għall-attendenza parzjali.

4. L-onorarji addizzjonali tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku u tal-Viċi Presidenti, li jeżerċitaw pożizzjoni ta' responsabbiltà, definita bħala Koordinatur tad-Dominju, President tal-Kumitat Permanenti, Membru tal-Kumitat ta' Tmexxija jew President tal-Grupp ta' Ħidma, għandhom ikunu EUR 2 250 fis-sena (*pro rata* għal inqas minn sena) għal kull rwol. Il-membri tal-Kunsill Xjentifiku u l-Viċi Presidenti jista' jkollhom iktar minn rwol wieħed bħal dawn u għandhom ikunu kkumpensati skont dan.

5. Il-pagamenti tal-onorarji għandhom jiġu awtorizzati mid-Direttur tal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata jew mill-viċi tiegħu/tagħha abbażi ta' lista ta' attendenza vvalidata mill-President tal-ERC u mid-Direttur tal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata jew mill-viċijiet tagħhom. Il-lista ta' attendenza għandha tindika jekk kull membru attendiex il-laqgħa kollha (attendenza sħiħa) jew parti minnha biss (attendenza parzjali).

6. Il-pagamenti tal-onorarji addizzjonali għandhom ikunu awtorizzati mid-Direttur tal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata jew mill-viċi tiegħu/tagħha abbażi tal-ħatra tal-membru għal kull rwol kif ivvalidat mill-President tal-ERC.

7. Għal laqgħat oħrajn għajr il-laqgħat plenarji, l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata, meta xieraq, għandha tirrimborża lura l-ispejjeż tal-ivjaġġar u tal-alloġġ tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom, f'konformità mal-kuntratt u r-regoli tal-Kummissjoni dwar il-kumpens tal-esperti esterni ([1]).

8. L-onorarji u l-ispejjeż tal-ivjaġġar u tal-alloġġ għandhom jitħallsu mill-baġit operazzjonali tal-Programm Speċifiku stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 2021/764.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021)3402.